MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 547/2014

**Europharma Limited**

**Vs**

**Lorna MALTBY**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-8 ta' Awwissu, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elfejn u hamsa u sebghin euro u sitta u disghin centezmi ta' euro [€2075.96c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "1. Nhar l-4 ta' Novembru 2013, l-intimata xtrat xi Ocean Nursery Furniture flimkien ma' xi soft furnishings bit-tema ta' Gingerbread mill-istabbiliment bl-isem Mamas and Papas li minnu tiggestixxi n-negozju taghha s-socjeta attrici liema oggetti ammontaw ghas-

somma komplessiva ta' tlett elef hames mija erbgha u disghin Ewro u wiehed u sebghin Ewro centezmi (Eur3,594.71) kif jidher mill-ircevuta bin-numru 16252 hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;

2. Wara li l-intimata hallset somma ta' depozitu akkont is-somma suriferta, hija kien fadlilha bilanc pendenti versu s-socjeta attrici fl-ammont ta' elfejn u hamsa u sebghin Ewro u sitta u disghin Ewro centezmi (Eur2075.96) liema bilanc hija accettat bhala dejn dovut minnha u fil-fatt ttentat thallas is-somma in kwistjoni permezz ta' cekk datat l-10 ta' Ottubru 2013 bin-numru 6 mahrug mill-BOV fl-istess ammont ta' elfejn u hamsa u sebghin Ewro u sitta u disghin Ewro centezmi (Eur2075.96), liema cekk madanakollu ma setax jissarraf darbtejn u dan stante illi l-imsemmi cekk gie 'referred to drawer' kull darba. Kopja ta' dan ic-cekk hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B;

3. Minkejja l-fatt li l-intimata giet interpellata diversi drabi mis-socjeta attrici sabiex thallas is-somma dovuta minnha ta' elfejn u hamsa u sebghin euro u sitta u disghin Ewro centezmi (Eur2075.96) rapprezentanti l-valur tac-cekk suriferit li sad-data tal-prezentata ta' din il-kawza baqa ma jistax jissarrafx, hija baqa inadempjenti u ma hallsitx;

4. Illi s-socjeta attrici interpellat lill-intimata ghall-hlas tal-bilanc dovut fl-ammont ta' elfejn u hamsa u sebghin Ewro u sitta u disghin Ewro centezmi (Eur2075.96), anke permezz ta' ittra legali datata it-3 ta' Marzu 2014 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C) izda l-intimata baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

5. Illi ricentement l-intimata talbet li jinghatawlha xi viti (screws), ta' valur negligibbli, formanti parti mill-furnishings mibjugha lilha mis-

socjeta attrici qabel hija thallas l-ammont pendenti mitlub minnha, liema talba giet milqugha b'rieda tajba da parti tas-socjeta attrici u fil-fatt saru diversi appuntamenti sabiex dawn il-viti jinghataw lill-intimata u b'hekk tigi rizolta l-kwistjoni prezenti izda l-intimata qatt ma onorat dawn l-appuntamenti u baqghet ma hallsitx l-ammont pendenti minnha;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza. (Qed tigi annessa traduzzjoni Dok. D).

Is-socjeta attrici titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal:

1. Jiddikjara lill-intimata responsabbli ghall-hlas tas-somma ta' Eur 2075.96 rapprezentanti l-bilanc pendenti fuq l-Ocean Nursery Furniture u soft furnishings mixtrija minnha mill-istabbiliment tas-socjeta attrici u kkonsennjati lilha liema somma ghadha dovuta minnha stante illi c-cekk mahrug mill-intimata ghall-istess ammont ma jistax jissarraf;

2. Jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' Eur 2075.96c rapprezentanti l-bilanc pendenti dovut minnha.

   Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata li hija minn issa gunta in subizzjoni".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la ppreżentat risposta fit-terminu moghti mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra li Michael Peresso, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti, kkonferma bil-gurament li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti fit-Talba odjerna ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra li Dr. John Gauci ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta' elfejn u hamsa u sebghin euro u sitta u disghin centezmi ta' euro [€2075.96c] rapprezentanti bilanc minn prezz ikbar ghall-xiri ta' Ocean Nursery Furniture u xi soft furnishings bit-tema ta' Gingerbread.

Ikkunsidra;

2. Michael Peresso xehed llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' elfejn u hamsa u sebghin euro u sitta u disghin centezmi ta' euro [€2075.96c] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

3. Ra ukoll kopja tad-dokumenti esebiti inkluz il-kopja tac-cekk a fol. 4 tal-process;

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

5. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

6. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

7. Fil-kaz odjern, l-intimata giet debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u baqghet ma dehritx ghas-seduta tal-lum miżmuma quddiem it-Tribunal.

8. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

9. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn u hamsa u sebghin euro u sitta u disghin centezmi ta' euro [€2075.96c] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mit-23 ta' Mejju, 2014 – data ta' l-ircevuta fiskali a fol. 3 tal-process - sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------